MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 390/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frank Sammut]**

**Vs**
**Vincent Spalding**
**Jonathan Gauci**

**Kumpilazzjoni Numru: 390/2011**

**Illum 7 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

Vincent Spalding, ta’ 37 sena, bin il-mejjet John u Carmen nee’ Agius, imwieled Pieta, fid-19 ta’ April, 1973 u residenti fil-fond numru 14, Triq il-Konservatorju, Bormla u detentur tal-karta ta’ identita numru 13903A; u

Jonathan Gauci, ta’ 28 sena, bin Joseph u Nicholina nee’ Cachia, imwieled fid-29 ta’ April, 1982 u residenti fil-fond Flat numru 12, Bieb Numru 1, Blokk Numru 4, Triq Patri Indri Vella O.P. Birgu u detentur tal-karta ta’ l-dentita numru 275882M.

a) Akkuzati talli nhar it-23 ta’ Jannar, 2011, ghal habta tard filghaxija, filwaqt li kienu gewwa Fortizza Rikasli, li tinsab fil-limiti tal-Kalkara, ikkommettew serq ta’ disa’ cilindri tal-gass propane, liema valur jammonta ghal madwar €200, ghad-dannu ta’ Kenneth Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin.

b) u aktar talli nhar it-23 ta’ Jannar, 2011 ghal habta tard filghaxija, xjentement f’Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahlu biex jbieghuhom jew imsexxuhom.

Lil Jonathan Gauci wahdu:

Talli nhar it-23 ta’ Jannar, 2011 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin, f’hinijiet different fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

c) Billi akkuzat ukoll talli, nhar it-23 ta’ Jannar, 2011 ghal habta tard filghaxija, filwaqt li kien gewwa l-Fortizza Rikasli, li tinsab fil-limiti tal-Kalkara, ikkommetta serq ta’ diversi ghasafar, liema valur jammonta ghal madwar €1,300 ghad-dannu ta’ Lawrence Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta ampjament li nhar it-23 ta' Jannar 2011 insterqu xi affarijiet mill-forti ta' Rikasoli; l-ewwel insterqu xi cilindri tal-gass (a dannu ta' Kenneth Cassar) u ftit wara insterqu  xi ghasafar (a dannu ta' Lawrence Borg).

Illi dawn il-fatti jirrizultaw mid-depozizzjoni ta' Lawrence Borg u Kenneth Cassar. Lawrence Borg spjega kif fil-gurnata in ezami, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija, hu mar il-forti u sab li kien hemm sgass; hu rega' sakkar u telaq; dak il-hin kien innota li ghadd kbir mill-ghasafar li kellu fil-kamra tieghu kienu insterqu. Xi nofs siegha wara rega' mar u sab li rega' kien hemm sgass u li kienu itiehdu zewg ghasafar ohra. L-ghada fil-ghodu huwa ghamel rapport lill-pulizija. Meta l-ghada kienu qed isiru l-ewwel investigazzjonijiet mill-puilizja gie notat li kienu naqsu disgha cilindri tal-gass propjeta ta' Kenneth Cassar. Fir-recordings ta' xi CCTV cameras li hemm fil-post gew notati zewg persuni. Wiehed minnhom gie identifikat mill-pulizija bhala Jonathan Gauci; hwejjeg identici ghal dawk li kien liebes il-persuna li l-pulizija identifikaw bhala Gauci gew elevati mid-dar tieghu meta saret tfixxija fir-residenza tieghu. Fil-kors ta'l-investigazzjoni taghhom l-pulizija gew infurmati li l-persuna l-ohra involuta kienet Vincent Spalding.

Illi dawn il-fatti mhux talli mhux kontestati imma huma korroborati mill-istqarrijiet ta'l-imputati; l-imputat Gauci jammetti li huwa seraq kemm l-ghasafar kif ukoll ic-cilindri

tal-gass fil-waqt li l-imputat Spalding jammetti li huwa, flimkien ma’ Gauci, seraq ic-cilindri tal-gass.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati flimkien huma dwar serq aggravat bil-mezz u bil-hin, u dwar ricettazzjoni; dawn l-imputazzjonijiet jirreferu ghas-serq tac-cilindri tal-gass. L-imputazzjoni l-ohra, migjuba kontra l-imputat Jonathan Gauci wahdu, hija ta’ serq aggravat bil-mezz, valur, hin u x-xorta tal-haga u tirreferi ghas-serq ta’l-ghasafar

Illi kif diga ntqal m’hemm l-ebda dubbju li z-zewg imputati flimkien serqu c-cilindri tal-gass; jirrizulta li l-imputati l-ewwel qabzu l-kancell tal-forti u minn gewwa irnexxielhom jifthu dan il-kancell tal-forti biex hadu dawn ic-cilindri; jirrizulta wkoll li dawn il-fatti sehhew wara inzul ix-xemx. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata kif dedotta.

Illi t-tieni impiutazzjoni migjuba kontra z-zewg imputati hija dwar ricettazzjoni; din hija migjuba bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta’ serq. La darba l-imputati qed jinstabu hatja ta’l-imputazzjoni dwar serq il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni hija migjuba kontra Jonathan Gauci biss u hija dwar serq aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga. Kif jirrizulta mis-suespost lanqas m’hemm dubbju li l-imputat Jonathan Gauci seraq l-ghasafar propjeta ta’ Lawence Borg. Huwa seraq dawn l-ghasafar wara inzul ix-xemx u biex irrnexxielu johodhom kellu jiqbez il-kancell tal-forti imma anke jisgassa il-kamra tas-security. Mill-atti jirizulta li l-valur ta’l-ghasafar misruqa kien jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Konsegwentement jirrizulta r-reat ta’ serq aggravat bil-mezz, valur u hin.

Illi dwar l-aggravju dwar ix-xorta tal-haga misruqa ghandu jigi rilevat li ai termini tas-subparagrafu “e” ta’l-artikolu 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta s-serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga meta

*jsir fuq kull xorta li tkun ta' bhejjem, kbar jew zghar, f'mergha, f'razzet jew stalla, jekk il-valur ta'dawn il-bhejjem ma jkunx anqas minn …*

Illi skond din id-dipspoziozjoni biex jissussisti dan l-aggravju il-bhejjem misruqa, irrispettivament mid-daqs taghhom jew ta' liema xorta huma, iridu jkunu f'mergha, f'razzett jew stalla. Fil-kaz in ezami l-ghasafar ittiehdu mill-gaggeg taghhom f'kamra uzata mill-watchman. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistaghx jinghad li l-agggravju dwar x-xorta tal-haga gie pruvat.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati in ezami, il-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati, u l-fatt li l-bicca l-kbira ta'l-ghasafar misruq gew ritornati lil sidhom; hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li qalet l-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon dwar l-imputat Jonathan Gauci.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jonathan Gauci**, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-stess imputat **Jonathan Gauci** hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma giex pruvat l-aggravju dwar ix-xorta tal-haga misruqa mill-liema aggravju qed jigi liberat, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena (1) u taht ordni ta' servizz fil-komunita ghal erbghin (40) il-siegha bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. U

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Vincent Spalding**, wara li rat l-artikoli 261(b)(f), 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-stess imputat **Vincent Spalding** hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fil-perjodi fuq stabbiliti u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------